TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 577/10

**Patrick Galea**
**vs**
**Kelly Industries**

Illum 18 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' disgħin ewro (€90), rappreżentanti prezz ta' saqqu li wara erba' ġimgħat kien niżillu.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara saqqu għal prezz ta' disgħin ewro (€90) għat-tifel, u wara erba' ġimgħat dan niżillu u għalhekk qed jitlob għal saqqu ġdid.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi ppruvat tirranġalu u li ma kienx it-tort tagħha li wara li rranġat is-saqqu, t-tifel xorta baqa' jilmenta li ma kienx tajjeb.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi saqqu għandu jkun tajjeb mill-bidu nett u mhux għax jiġi rranġat wieħed jippretendi li għandu jkun tajjeb, speċjalment meta r-rikorrenti xorta għadu qed jilmenta bih.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' sebgħin ewro (€70), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata u b'dan illi s-saqqu jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**